

V

(Avviżi)

PROĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-26 ta' Novembru 2014 – Il-Parlament Ewropew (C-103/12), Il-Kummissjoni Ewropea (C-165/12) vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawżi magħquda C-103/12 u C-165/12) ⁽¹⁾

(Rikors għal annullament — Deċiżjoni 2012/19/UE — Bażi legali — Artikolu 43(2) u (3) TFUE — Ftehim bilaterali li jawtorizza l-użu ta' dak li jifdal mill-volum ammissibbli tal-qbid — Għażla tal-Istat terz ikkonċernat li l-Unjoni tawtorizza l-użu tar-riżorsi bioloġiċi — Żona ekonomika esklużiva — Deċiżjoni politika — Iffissar tal-opportunitajiet ta' sajd)

(2015/C 026/02)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: L.G. Knudsen, I. Liukkonen u I. Díez Parra, aġenti) (C-103/12), Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bouquet u E. Paasivirta, aġenti) (C-165/12)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Westerhof Löfflerová u A. de Gregorio Merino, aġenti)

Partijiet intervenjenti insostenn tal-parti konvenuta: Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentanti: M. Smolek, E. Ruffer u D. Hadroušek, aġenti), ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: N. Díaz Abad, aġent), ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: G. de Bergues, D. Colas u N. Rouam, aġenti), ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentanti: B. Majczyna u M. Szpunar, aġenti)

Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/19/UE, tas-16 ta' Diċembru 2011, dwar l-approvazzjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tad-Dikjarazzjoni dwar l-għoti ta' opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni Ewropea lil bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela fiż-żona ekonomika esklużiva l barra mill-kosta tal-Gujana Franċiża, hija annullata.
- 2) L-effetti tad-Deċiżjoni 2012/19/UE għandhom jinżammu sakemm tidħol fis-seħħ, f'terminu raġonevoli li jibda' jiddekorri mid-data li fiha tingħata din is-sentenza, deċiżjoni ġdida bbażata fuq il-bażi legali xierqa, jiġifieri l-Artikolu 43(2) TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) TFUE.
- 3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat għall-ispejjeż.
- 4) Ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża u r-Repubblika tal-Polonja għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 157, 02.06.2012.